MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 888/2007

**GO plc (C 22334)**

**VS**

**Martin Cachia**
**(ID 235859 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Dicembru, 2007 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` elf u tnejn u sebghin lira Maltija u erba` centezmi, llum ekwivalenti ghal Euro elfejn, erba` mija, sebgha u disghin euro u tmintax il-centezmu (Euro 2,497.18c), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` diversi servizzi telefonici li jgibu n-numri 21376506, 21377382, 21374496 u 21380276 (CN 246975 AC 10124821, 10125476, 40037681, 40037024 rispettivament) skond diversi kontijiet mibghuta u kif ukoll kif jirrizulta minn

dokumenti annessi ma` l-avviz u mmarkati bhala Dok. IZY1 sa IZY4.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 9 ta` Jannar, 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi fl-ewwel lok huma preskritti bid-dekors ta` hames snin u fit-tieni lok li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont ma hux dovut mill-konvenut.

B’riserva ghal risposti ulterjuri.

Innota li fis-seduta tat-3 ta` April, 2008, Dr Camilleri ghall-konvenut specifika l-artikolu 2156 (f) bhala l-artikolu partikolari tal-preskrizzjoni fuqhiex huwa kien qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna erba kontijiet li nfethu fi zminijiet differenti kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Illi biex wiehed jara humiex preskritti o meno l-ammonti kontenuti fid-diversi kontijiet, ghandu jiehu in kunsiderazzjoni s-segwenti u cioe` d-data meta nfethet il-kawza odjerna cioe` s-7 ta` Dicembru, 2007 – id-data ta` l-eqdem kont – u l-pagamenti akkont li saru.

Kont numru 10124821 – l-eqdem kont 1/10/02 – saru diversi pagamenti akkont l-ahhar wiehed fit-22/8/07.
Kont numru 10125476 – l-eqdem kont 1/10/02 – saru diversi pagamenti akkont l-ahhar wiehed fit-22/8/07.
Kont numru 40037681 – l-eqdem kont 1/7/04 – u sar pagament akkont fis-16/11/04.
Kont numru 40037024 – dan infetah fl-24 ta` Gunju, 2004.

Illi l-prova tal-kontijiet u hlasijiet akkont jirrizultaw kemm mid-dokumenti ezebiti a fol. 2 et seq tal-process u kif ukoll mill-prospett ezebit a fol. 28 tal-process u mahluf mill-avukat Dr. Ingrid Zammit Young.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna bid-dekors ta` hames snin ma treggix.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni billi jichad l-istess u jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu, bl-ispejjez ta` din id-decizjoni a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------